

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1976

tat-30 ta' Ottubru 2017

li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (2) Fl-20 ta' Ottubru 2017, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1970 (2011) ġedded u emenda l-elekar ta' bastiment soġġett għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness V għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness V għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. MAASIKAS

⁽¹⁾ ĠUL 206, 1.8.2015, p. 34.

ANNEX

Fit-Taqsima B (Entitajiet) tal-Anness V għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333, l-entrata 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Isem: CAPRICORN

Magħrufa wkoll bħala: mhux disponibbli **Qabel magħrufa wkoll bħala:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fi:** 21 ta' Lulju 2017

Informazzjoni addizzjonali

IMO: 8900878. Elenkata skont il-paragrafi 10(a) u 10(b) tar-risoluzzjoni 2146 (2014), kif estiża u modifikata bil-paragrafu 2 tar-risoluzzjoni 2362 (2017) (projbizzjoni fuq it-tagħbija, it-trasport jew il-ħatt; projbizzjoni li jidħol fil-portijiet). Skont il-paragrafu 11 tar-risoluzzjoni 2146, din id-deżinjazzjoni ġiet imġedda mill-Kumitat fl-20 ta' Ottubru 2017 u hija valida sat-18 ta' Jannar 2018, sakemm ma tintemmx qabel mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tar-risoluzzjoni 2146. Stat tal-Bandiera: Tanzanija. Mill-21 ta' Settembru 2017, il-bastiment kien jinsab fl-ilmijiet internazzjonali 'l barra mill-Emirati Għarab Magħquda."
